# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' April 2000**

**Numru 47**

**Citaz. numru 577/87 DS**

Carmelo Ciappara

vs

Franz Steinboeck ghan-nom u in rapprezentanza tal-"Malta Dairy Products Limited", u b'nota tat- 22 ta' Frar 1988 Dr Vincent Falzon assuma l-atti tal-kawza minflok Franz Steinboeck, u b'nota tat-28 ta' Frar 1990 Gaetano Buttigieg assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tas- socjeta` konvenuta

Illum, 7 ta' April 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-21 ta' Lulju 1987 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi hu jissuplixxi halib lill-"Malta Dairy Products Limited" u b'diversi avvizi nfurmak illi fuq analizi tal-halib deherilhom illi kien hemm sustanza barranija, immedjatament qabdu u minghajr ma

nghata l-opportunita' illi ssir il-prova kuntrarja jew jikkontrolla dawk il-provi.

Illi inoltre dawn il-penali gew imposti abbusivament u kontra kwalunkwe dritt fil-Ligi, u peress li gew imposti unilateralment, imorru kontra l-principji tal-gustizzja naturali.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-penalitajiet imwahhlin lill-attur mill-konvenut nomine ghal raguni fittizja migjuba minnu huma kontra l-Ligi u ghalhekk nulli u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda ghaliex il-penaltajiet imposti mill-kumpanija konvenuta la saru unilateralment u lanqas huma kontra il-principji tal-gustizzja naturali.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-24 ta' Frar 1988 fejn gie nominat l-Av. Dr. Paul Caruana Curran bhala assistent gudizzjarju;

Rat id-digriet tal-11 ta' Ottubru 1991 fejn gie nominat l-Av. Dr. Mark Chetcuti bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fis-7 ta' Dicembru 1994;

Rat id-digriet ta' l-1 ta' Novembru 1995 li permezz tieghu gew nominati Dr. Anthony Abela Medici, l-Av. Dr. Eric Sammut u l-Av. Dr. Anthony Ellul bhala periti addizzjonali u sussegwentement gie sostitwit l-Av. Dr. Joseph Buttigieg ghall-Av. Dr. Eric Sammut u l-Prof. Victor Ferrito gie sostitwit ghal Dr. Anthony Abela Medici;

Rat ir-relazzjonijiet minnhom mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**Provi**

Fl-affidavit tieghu ppresentat fit-3 ta' Frar 1989 l-attur stqarr illi hu kellu f'ismu l-permess nru. 216.  Ghal dak li kien jirrigwarda kura ta' l-annimali, spjega li missieru kien ighinu u flimkien kienu jzommu r-razzett taghhom fl-ahjar kondizzjoni.  Dan kemm minhabba s-sahha tal-bhejjem, kif ukoll minhabba l-element sanitarju li seta' jkun ta' hsara kbira ghax-xoghol taghhom.  Ghalhekk ikkonferma li hu qatt ma dahhal terzi persuni sabiex jassistuh f'xogholu.

L-attur spjega li huma kienu jehilbu darbtejn fil-gurnata cioe' bejn it-3.00 u l-5.00 ta' filghodu, u bejn il-5.00 u s-7.00 ta' filghaxija. Il-halib huma kienu jehduh immedjatament lejn il-fabbrika konvenuta, b'eccezzjoni ghal dak li kien jinheleb filghaxija fix-Xitwa, meta dan kien jitpogga fuq il-*cooler*.

Is-socjeta' konvenuta kellha d-dritt li tiehu *sample* tal-halib ghallarrieda, b'dana li dan kienu ghamluh darba wahda biss u minghajr qatt ma nnotifikaw lill-attur bir-rizultat. Skond dik is-socjeta', ir-rizultat tal-analizi kellu jkun 515 izda mill-esperjenza tieghu l-attur seta' ighid li l-baqar kienu jaghtu halib li kien jaghti rizultat oghla u wara certu zmien dan kien bl-aktar mod naturali, jonqos. Dan ta' l-ahhar kien jigri specjalment meta l-baqra tkun waslet sabiex tigi mghammra. Pero' da parti tieghu u ta' missieru, l-attur iddikjara li huma qatt ma kienu ziedu l-halib jew ghamlulu xi haga li bhala konsegwenza tieghu kienu tnaqqsu l-gradi tieghu.

Darba minnhom, wara li kienu ghaddew xi granet minn meta kienu fornew madwar sitta jew seba' konsenji, dik l-istess socjeta' nnotifikat lill-attur li l-halib kien wasal biss sa 513 il-grad. Izda l-halib qatt ma kien gie kkonsenjat lura lilhom. Inoltre s-socjeta' konvenuta qatt ma baghtet ghalih sabiex isir l-analizi fil-presenza tieghu u l-attur qatt ma kellu l-opportunita' jikkontesta d-decizjoni taghha. Imbaghad kien tnehhilu s-sussidju minn fuq il-gwiez u tnaqqsitlu 51 gallun mill-kwota tal-halib.

L-atur kien kiteb lis-socjeta' konvenuta permezz ta' l-avukat tieghu sabiex jikkontesta d-decizjonijiet taghha u sabiex dawn jigu riveduti, izda d-decizjoni kienet tqieset finali u ghalhekk kellu jaghmel din il-kawza.

L-attur zied ighid li llum s-socjeta' konvenuta kienet nizlet l-grad ghal 510 u kienet ukoll sahansitra taccetta halib b'grad ta' 506.  Minn dan kien jidher li skond id-diskrezzjoni assoluta taghha, is-socjeta' konvenuta setghet tbaxxi l-grad tal-halib li jkun accettabli ghalih u min-naha l-ohra setghet teskludih milli jiffornixxi halib jekk dik tgholli l-grad.

L-attur spjega li meta l-halib kien jasal fil-fabbrika, izda wara li kien jittiehed kampjun, dan kien jinxtehet u jithallat fl-istess *centrifugal pump* sabiex jigi processat.  Ghal dak li kien jirrigwarda s-sistema li biha kien jigi analizzat il-halib, l-attur spjega li l-kampjun kien jitla' fl-ufficju ta' l-analista bin-numru tal-garra relattiva.  Izda wara li kienet giet ipprezentata l-kawza odjerna, is-sistema nbiddlet u n-numri kienu jkunu numri anonimi li ma kienux jaqblu man-numru tal-garra.

Fl-affidavit tieghu prezentat fil-15 ta' Frar 1989, **Emanuel Ciappara,** missier l-attur, iddikjara l-istess fatti diga' msemmija fl-affidavit ta' l-attur.

In kontroezami qal li hu ma kienx prezenti meta saru l-analizi tal-halib in kwistjoni.  Hu spjega li meta kien jiehu l-halib fil-fabbrika tas-socjeta', hu kien iferraw sabiex jintizen u fl-istess hin kien jittiehed kampjun.  Fuq il-flixkun tal-kampjun kienet titwahhal karta fejn kien hemm il-firma tal-bejjiegh.  Pero', hu qatt ma nghata ftit minn dak il-kampjun.

Spjega wkoll li xi granet wara l-konsenja tal-halib, is-socjeta' konvenuta kienet gharfithom illi l-halib kien hafif.

**Victor Anastasi,** analista mal-Malta Dairy products, xehed diversi drabi. Fost affarijiet ohra, kien inkarigat janalizza l-halib meta dan jingieb lejn

il-fabbrika. Dan isir wara li s-*supervisors* iqeghdu kampjun fi flixkun permezz ta' kuccarun li jintuza ghal dan il-ghan. Il-flixkun imbaghad kien jigi ssigillat u fuqu kien ikun hemm indikat in-numru ta' registrazzjoni tal-fornitur.

Ghal dak li jirrigwarda l-halib fornut lill-fabbrika mill-attur, l-analista stqarr li f'seba' okkazjonijiet specifikati, huma jienu sabu li l-halib kien imhallat ma' l-ilma. Fir-rapport taghhom l-ilma kien jitnizzel bhala sustanza barranija.

Il-bejjiegha ma kinux ikunu prezenti waqt l-analizi tal-halib ghaliex dan ma kienx prattikament possibli, b'dan illi jekk jitolbu, huma kellhom dritt li jinghataw ftit mill-kampjun mehud mill-halib taghhom. Il-firma tal-bejjiegh kienet issir direttament fuq il-flixkun jew fuq il-karta li titwahhal immedjatament fuq dak il-flixkun jew anke fuq ir-registru. Ix-xhud assigura li zbalji ma setghux isiru b'din is-sistema taghhom, ghaliex il-karta kienet titwahhal quddiem il-bejjiegh. Dan l-anqas fil-hin tar-*rush hour* ghaliex bejn wizna u ohra kien hemm bizzejjed hin sabiex isir dan ix-xoghol. Hu kompla ighid li kien ilu jahdem mas-socjeta' konvenuta ghal dawn l-ahhar sitt snin u kull darba li nizel fuq il-*platform*, u cioe' kull hmistax, hu qatt ma kien sab li kien hemm karti mpoggija fil-genb sbiex jitwahhlu aktar tard.

Il-kampjuni kienu jitilghu fil-laboratorju f'kaxxi ta' ghoxrin kull darba u l-analizi kellha ssir fi zmien massimu ta' siegha u nofs minn meta jittella l-kampjun mill-*platform*. Ghal dan li kien jirrigwarda l-analizi tal-kampjun permezz tal-metodu ta' *freezing point*, ix-xhud spjega li wara tali analizi l-kampjun kien jintrema jekk ir-rizultat kien negattiv. Jekk pozittiv, kien

jerga' jigi analizzat wara madwar nofs siegha u wara li jsir il-*calibration* ta' l-istrument.

Hu qal ukoll li kien tbiddel il-*freezing point* wara analizi kongunta li saret mis-socjeta' konvenuta flimkien mal-veterenarji tal-KPH. Fil-fatt kienet saret tali analizi cirka hames snin qabel minn esperti Awstrijaci hawn Malta u din kienet wasslet ghal bdil fil-grad tal-*freezing point*, liema grad kien gie addottat minnhom sallum. Hekk ukoll kien isir barra minn Malta minhabba d-diversi fatturi li jistghu jaffetwaw il-halib.

Fiz-zmien tal-kwistjoni odjerna x-xhud ikkonferma in kontro-ezami li l-freezing point adottat kien ta' -0.515 *degrees* u dan kien gie rivedut ghal -0.510 *degrees.*

In ri-ezami, Victor Anastasi qal li jekk bhal ma kien il-kaz ta' l-attur, huma kellhom suspett li l-bejjiegh ikun qed jadultera l-halib, allura huma kienu jiccekjawh kull darba. Fil-fatt huma kienu nfurmaw lill-attur dwar dan il-halib adulterat u sahansitra wara li wkoll kienu gew imposti l-multi, il-halib kien rega' gie ghan-normal. Ix-xhud spjega li halib adulterat ghalkemm mhux hazin, ma kienx accettabbli skond lis-*standard*.

Imbaghad ix-xhud zied ighid li qatt ma kien ingablu kampjun dirett mill-baqar ta' l-attur sabiex dan jigi analizat minnu.

Dwar il-bdil fil-*freezing point,* ix-xhud stqarr li dan ma kienx sar bhala konsegwenza tal-kwistjoni odjerna izda bhala rizultat tar-ricerki u l-pariri li kienu nghataw mill-barranin.

**Edgar Attard**, impjegat mal-Malta Dairy Products qal li xogholu kien jikkonsisti fil-hlas lill-bejjiegha ghall-halib u ghal-gwiez, kif ukoll li jimponi l-penali relattivi. Dan kien isir wara li hu kien jircievi r-rapport minghand il-laboratorju. Huwa spjega l-penali li kienu jigu mposti meta jkun hemm sustanzi barranija:

a. l-ewwel penali li permezz taghha l-bejjiegh ma jithallasx tal-halib in kwistjoni;
b. it-tieni penali konsistenti fi hlas fuq il-prezz tal-gwiez ta' multa 5% ghall-ewwel vjolazzjoni, 20% it-tieni darba, 50% it-tielet darba u 100% ir-raba darba u kull okkazjoni segwenti u dan il-hlas kien isir permezz ta' tnaqqis fic-cekk mahrug mis-socjeta' konvenuta ghall-halib fix-xahar ta' wara; u
c. it-tielet penali li kienet tirrikjedi nuqqas fil-kwota li kienet tinhadem skond il-proporzjoni ta' halib hazin li jkun issuplixxa ma' dak li kien jissuplixxi l-istess fornitur fi zmien hmistax il-gurnata.

Ix-xhud imbaghad kompla ighid li kien hemm seba' darbiet meta gew imposti penali fuq l-attur. Fil-fatt kien instab ilma fil-halib f'aktar drabi, izda meta dan kien jinstab f'zewg granet konsekuttivi, kienet tigi mposta penali wahda biss. Ghalhekk ix-xhud elenka d-dati ta' meta gew imposti l-penali.

Ix-xhud jikkonferma li qatt ma kienet inghatat ordni sabiex il-halib ta' l-attur ma jithallatx mal-kumplament u dan sabiex isirlu l-analizi appropju kif spjega Andrew Mifsud fix-xhieda tieghu.

**Andrew Mifsud** stqarr li hu kien jahdem bhala *supervisor* mal-Malta Dairy Products fis-sezzjoni fejn jigu milqugha l-bejjiegha bil-halib

taghhom.  Hu spjega li hekk kif kienu jaslu l-bejjiegha, il-halib taghhom kien l-ewwel jigi spezzjonat sabiex jigi stabbilit dak il-hin stess jekk ikunx qares jew le.  Jekk il-halib ighaddi minn din l-ewwel analizi, imbaghad jintizen fil-banju appropju u minn hemm ukoll jittiehed kampjun ghall-analizi aktar tard mill-laboratorju.  Fuq il-flixkun tal-kampjun jitwahhal biljett bin-numru tal-*code* sabiex dan jintgharaf.  Il-bejjiegh jinghata biss ircevuta tal-piz tal-halib.  Imbaghad il-halib jittella fuq il-*pasteuriser* u jithallat mal-halib l-iehor, b'dana illi gieli kellhom struzzjonijiet mil-laboratorju sabiex ma jaccettawx halib ta' bejjiegh partikolari, cioe' li jithallat mal-halib l-iehor qabel ma jsir l-analizi relattiv tieghu.

**Relazzjoni tal-Perit Legali l-Av. Dott. Mark Chetcuti**

Konsiderazzjonijiet

Wara riferenza ghall-ftehim esebit a fol 99 tal-process, il-perit legali qed jirrileva li l-qofol tal-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti kienet tirrigwarda it-tifsira tal-kliem *"halib mhux genwin"* misjuba fl-artikolu 8 ta' dak il-ftehim.   Il-perit legali rritjena li l-ftehim ma jiccarax it-tifsira ta' dawn il-kliem li kienu jaghtu diskrezzjoni assoluta lis-socjeta' konvenuta sabiex tiddelimita hi stess il-parametri tat-tifsira taghhom.  Ghalhekk, skond kif xehed l-analista Victor Anastasi, is-socjeta' konvenuta kienet bidlet il-*freezing point* wara li kienu saru diversi analizi u nghataw pariri minghand esperti barranin.  Lanqas ma kien irrizulta li kien hemm xi qbil espress jew implicitu bejn il-partijiet fir-rigward ta' kriterju li kellu jigi segwit sabiex tigi stabbilita l-genwinita' tal-halib.  B'hekk il-perit legali kkonkluda li l-artikolu 8 tal-ftehim kien jaghti l-fakolta' assoluta lis-

socjeta konvenuta sabiex din tiddeciedi unilataralment dwar obbligazzjoni kontrattata bejn iz-zewg partijiet.

Kompla jispjega l-perit legali li skond l-art. 1056 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, obbligazzjoni hija nulla jekk tigi kkontrattata taht kondizzjoni li tiddependi biss mir-rieda ta' dak li qed jobbliga ruhu u hekk kienet l-obbligazzjoni fuq imsemmija. Hawn il-perit legali zied ighid li tali obbligazzjoni tirrendi wiehed mill-kontraenti l-oggett ta' l-obbligazzjoni nnifisha u kompla billi ghamel riferenza ghas-sentenza ta' l-Appell Kummercjali fil-kawza fl-ismijiet **Mario Bezzina vs Albert Mizzi et noe** deciza fit-22 ta' Jannar, 1992.

Ghalhekk, peress li l-obbligazzjonijiet kontrattati mill-attur kienu gew imposti taht kondizzjoni potestattiva llegali u nulla, il-penaltajiet imposti fuq l-attur kellhom jigu dikjarati nulli.

**Provi migbura mill-periti addizzjonali**

**Victor Anastasi** spjega li mit-testijiet li kienu saru, kien irrizulta li l-halib kien qed jiffriza b'mod li aktar jixbah l-ilma pur. Hu stqarr li r-*range* li fiha kien accettabbli l-halib kienet bejn -0.510 sa -0.550. Illum il-halib kien accettabbli minn 13 il-*sample* sa 3 *samples* biss.

Fil-kaz in ezami, ix-xhud stqarr li zgur li kien hemm l-ilma mizjud mal-halib u fil-fatt il-*freezing point* kien aktar vicin iz-zero. B'hekk lanqas ma seta' kien adulterat mill-*chlorides* jew mis-*sucrose* ghax imbaghad il-*freezing point* ikun aktar baxx.

Imbaghad ix-xhud qal li meta jigi stabbilit jekk il-halib kienx genwin jew le, dan ikun diga' ghadda ghall-pasturizzazzjoni.

Lill-attur kienu ttiehdulu 13 il-kampjun u wara l-analizi li saret, kien irrizulta li l-halib kellu *freezing point* taht -0.515, b'dana li kollha kienu taht il-0.510 u tlieta minnhom kienu bejn il-0.510 u l-0.515. Sussegwentement il-*freezing point* kienet tnizzlet minn 0.515 ghal 0.510 u sabiex jissostanzja dak li kien qed ighid l-istess analista, hu esebixxa Dok. VA1 sa Dok. VA4.

Ix-xhud irrileva wkoll li kull merhla jkollha *freezing point* tal-halib partikolari ghaliha izda fil-kaz in ezami, meta l-*freezing point* kien gie mqabbel ma halib precedenti kif ukoll sussegwenti, irrizulta li l-halib f'dawn l-ahhar zewg istanzi kien normali u dak fil-kaz in kwistjoni kellu *freezing point* taht il-0.515. Dan kien jirrizulta minn Dok. VA 5 esebit.

Il-perit tekniku addizzjonali inoltre zamm access fil-fabbrika tas-socjeta' konvenuta u cioe' fejn isiru t-testijiet fuq il-halib fornit mill-bejjiegha.

**Relazzjoni tal-periti addizzjonali**

Konsiderazzjonijiet

Bhal ma kien ghamel l-ewwel perit legali, il-periti addizzjonali bdew billi ghamlu riferenza ghall-artikolu 8 u 9 tal-ftehim li kien jirregola r-relazzjoni ta' bejn il-bejjiegha u s-socjeta' konvenuta.  Ma kienx fatt kontestat li l-ftehim kien jaghti d-diskrezzjoni assoluta lis-socjeta' konvenuta sabiex din tistabbilixxi l-genwinita' o meno tal-halib fornit mill-bejjiegha.  L-attur kien qed jilmenta li l-penalitajiet imposti fuqu

skond dak il-ftehim, kienu abbuzivi u jmorru kontra l-ligi u l-principji tal-gustizzja naturali.

*Gustizzja naturali*

Fir-rapport taghhom il-periti addizzjonali ghamlu riferenza ghal dak li jinghad f' Garner's Administrative Law ta' B L Jones & K Thompson, 8th Edition, p. 241, 1996, u fil-O'Hood Phillips' Constitutional and Administrative Law ta' O'Hood Phillips, 7 th Edition. 1987, p. 871, fir-rigward ta' l-applikazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali. In vista ta' dan, il-periti addizzjonali irritenew illi dawk il-principji ma kinux applikabbli ghall-kaz odjern, b'dana illi s-socjeta' konvenuta kellha d-dover li timxi b'mod gust fil-verifiki taghha u kellha taghti l-opportunita' li l-attur jikkontrolla s-sitwazzjoni u hawn il-periti regghu rriferew ghal Garner's Administrative Law p. 255. Ghalhekk huma ghaddew sabiex ghamlu dawn is-suggerimenti:

a. il-bejjiegh ghandu jinghata kampjun ukoll, u da sabiex hu jkun jista' jaghmel l-analizi tieghu u jikkontesta r-rizultat ta' dik is-socjeta';
b. il-bejjiegh kellu jinghata l-opportunita' li jsegwi l-process ta' l-analizi;
c. jekk jirrizulta li l-halib ma kienx genwin, allura l-analizi kellha terga' ssir sabiex jitnehha kull dubbju.

*Kondizzjoni Potestattiva*

Mill-provi rrizultalhom is-segwenti:

a. id-decizjoni tas-socjeta' konvenuta fir-rigward tal-genwinita' tal-halib kienet wahda definittiva u l-bejjiegh ma kellu l-ebda kontrol fuqha;

b. il-kampjun ittiehed hekk kif tasal il-konsenja tal-halib u filwaqt li dan il-kampjun jitpogga fi flixkun li fuqu jiffirma l-bejjiegh, il-halib jithallat u jghaddi ghall-pasturizzazzjoni;

c. pero' qabel ma jithallat, il-halib jigi testjat ghall-qrusa;

d. l-analizi tal-halib kien bazat fuq il-metodu tal-*freezing-point*, liema analizi kienet issir darbtejn, b'dana li fiz-zmien tal-kwistjoni il-*freezing-point* kien ta' 0.515;

e. ir-rizultat kien jinghata aktar tard lill-bejjiegh, izda sadanittant il-halib ikun diga' ghadda u nbiegh;

f. jekk mitluba, is-socjeta' konvenuta kienet taghti lill-bejjiegh kampjum mill-halib li dan ikun ikkonsenjalha.

Fil-fehma tal-periti addizzjonali, ftehim bejn partijiet kien il-ligi in vigore ta' bejniethom u dan inghad b'riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **C. Bajada noe vs Cachia et noe** tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-16 ta' Lulju 1973 u ghal dik riportata f'Vol. XXIV.i.203.

Wara li l-periti addizzjonali ghamlu riferenza ghall-art. 1056 (1) tal-Kodici Civili li fuqu l-ewwel perit kien ibbaza t-tezi tieghu fir-rigward tal-kondizzjoni potestattiva, huma ghamlu wkoll riferenza ghal dak li ntqal minn Barry Nicholas fit-tieni edizzjoni tax-xoghol tieghu **The French Law of Contract** p. 160 u in partikolari *"A potestative condition in this sense, which is called "purely potestative", is one which depends for its fulfillment purely on the will of one of the parties...in the terms of the will theory the reason for the rule is that there can be no obligation if the promisor's will is unrestricted".* Huma ghamlu wkoll riferenza ghall-art. 1162 tal-Kodici Taljana li kien identiku ghal dak tat-test Malti u konsegwentement ghal Ricci, **Corso Teorico Pratico Di Diritto Civile,** Vol. VI, p. 155 u p. 157 fejn gie spjegat li *"ma la serieta' c'e' quando la*

*condizione, benche' dipendente dalla volonta' del debitore, richiede nondimendo il concorso di circostanze esterne perch' sia posta in essere".* Il-periti rriferew ukoll ghal dak ritenut minn F. Laurent f'**Principii di Diritto Civili,** Vol. XVII. p. 49 u minn Giorgi f'**Teoria Delle Obbligazione nel Diritto Moderno Italiano,** Vol. IV p. 371.

Ghal dak li gie argumentat mis-socjeta' konvenuta, u cioe' illi l-ftehim kien wiehed sinellagmatiku u ghalhekk l-art. 1056(2) tal-Kodici Civili ma kienx applikabbli, il-periti addizzjonali ghamlu riferenza ghal dak li nghad minn Prof. V. Scialoja fix-xoghol tieghu **Dizionario Pratico Del Diritto Privato,** Vol. II, p. 229 fejn dan irritjena li permezz ta' l-art. 1162 tal-ligi Taljana, kull obbligazzjoni dipendenti fuq il-volonta' assoluta tal-kontraent kienet wahda nulla u dan minghajr distinzjoni fir-rigward ta' obbligazzjoni derivanti minn kuntratt unilaterali u dak bilaterali.

Il-periti addizzjonali rritenew illi l-kaz odjern ma kienx jinkwadra fl-art. 1056 (2) tal-Kodici Civili. Skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet, is-socjeta' konvenuta ma kenitx obbligata li thallas ghal dak il-halib adulterat u kellha d-dritt li timponi l-penali preskritti. Dan pero' f'kaz li l-halib kien jirrizulta mhux genwin mit-testijiet li kienet obbligata taghmel. Ghalkemm il-kuntratt ma kienx jispecifika t-testijiet li kellhom isiru, il-periti kienu tal-fehma li dan ma kienx ifisser l-obbligazzjoni ta' dik is-socjeta' kienet wahda potestattiva.

Jekk imqar ghall-grazzja ta' l-argument, wiehed kellu jaccetta t-tezi ta' l-ewwel perit legali li l-klawsola nru. 8 tal-ftehim kienet kondizzjoni potestattiva, dan ma kienx iwassal ghan-nullita' ta' l-obbligazzjoni. Dan fuq l-insenjament tal-guristi Prof. V. Scialoja (ara p. 299 tax-xoghol fuq imsemmi) u r-Ricci (ara p. 157 tax-xoghol tieghu diga' msemmi).

Il-periti addizzjonali rrikonoxxew il-fatt li l-kwistjoni tal-genwinita' o meno tal-halib kienet fid-diskrezzjoni totali tas-socjeta' konvenuta u dan ghaliex hi stess kienet tistabbilixxi t-tip ta' l-analizi li kellu jsir u dan kien imbaghad isir fil-laboratorju taghha.  Huma accettaw li l-analizi kienet issir abbazi ta' mezzi xjentifici u l-ebda prova ma tressqet sabiex jigi muri li dawn ma kinux serji, affidabbli u mhux ta' min jistrieh fuqhom.  Fil-fatt il-perit tekniku addizzjonali fir-rapport tieghu qal li r-rizultati kienu affidabbli.

Peress illi jekk kien jirrizulta li kien hemm klawsola simili f'kuntratt allura dak il-kuntratt kien ikun null u dan kien ukoll osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Kurunell Lionell Manton noe vs Michelle Cini noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Dicembru, 1936, (Vol. XXIX. 1430) u citata mill-istess periti, dawn ta' l-ahhar kienu tal-fehma li wiehed kellu jimxi b'kawzjoni.  Dan peress li bhala principju ta' ordni pubbliku, kuntratti kellhom jigu mantenuti.  Hawn regghu sostnew li kuntratt kien il-ligi ta' bejn il-kontraenti u dan ukoll b'riferenza ghal dak li osserva Professur V. Caruana Galizia fin-**Notes on Civil Law.**

*Penali*

Skond il-periti addizzjonali, ma kienx accettabbli li s-socjeta' konvenuta kienet imponiet il-penali izda fl-istess hin xorta ezigiet l-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.  Skond ir-Ricci, **Corso Teorico Pratico di Diritto Civili,** Vol.  VI, p. 245, klawsola penali hi intiza bhala *"un' obbligazione accessoria avente il duplice scopo di assicurare l-adempimento dell-obbligazione principale e di stabilire l-indennita' dovuta ne caso di non adempimento della medesima"*  Il-periti ghamlu wkoll riferenza ghall-art. 1120 (3) tal-kodici Civili li jghid li jekk tintalab il-haga principali allura

ma tistax tintalab penali wkoll, b'eccezzjoni ta' obbligazzjoni kontratta fir-rigward tad-dewmien. Huma rritenew li dan kien l-insenjament tal-Qrati taghna u dan b'riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Rosario Merola proprio et noe vs Salvatore Caruso** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Frar 1935, Vol. XXIX.i.106.

Ghalhekk is-socjeta' konvenuta ma setghetx ticcertifika l-halib bhala wiehed mhux genwin u filwaqt li taghmel uzu tieghu u tbieghu fis-suq, din timponi l-penali skond il-klawsola nru. 9 tal-ftehim mal-bejjiegha. Meta s-socjeta' konvenuta taccetta l-halib minghand il-bejjiegh, din tkun qeghda wkoll taccetta l-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni da parti tieghu u ghalhekk skond il-ligi ma tistax ma thallsux ghax allura din tkun qeghda tarrikixxi ruhha indebitament a skapitu tal-bejjiegh. Il-periti addizzjonali irritenew li s-socjeta' konvenuta kellha taghzel bejn li taccetta l-halib u thallas ghalih u li tirrifjuta l-halib u timponi l-penali. B'hekk huma qablu ma' dak li qal l-attur a fol 18 tal-process, i cioe' *"illi jekk ma jkunx accettabbli, l-istess halib jintbaghat lura lili halli dak li huwa prodott tieghi nista' nutilizzah jiena"*.

**Rapport tal-Perit Tekniku Addizzjonali Prof. V. Ferrito**

Fil-qosor, il-perit tekniku addizzjonali wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

1. F'dak li kien jirrigwarda Dok. VA5(b) kien jirrizulta s-segwenti:
    a. mill-wiehed u sittin valur kien hemm hdax il-valur li kien jaqa' taht il-minimu ta' 0.512 u erba' li kienu jergghu jaqghu taht il-0.510;
    b. fis-7 ta' Settembru 1986 il-valur nizel sa 0.505 u fit-3 ta' Dicembru 1986 sa 0.475 izda wara tmienja u ghoxrin gurnata minn din l-ahhar data, il-valur tela' ghal 0.547

li fil-fehma tieghu kienet qabza kbira wisq ghal dak iz-zmien relattivament qasir;

c. il-medja tal-valuri ghax-xahar ta' Jannar 1987 kienu ta' 0'525 izda f'gurnata biss kien hemm qabza minn 0.547/0.537 sa 0.515 u 0.516;

d. il-valuri bejn l-1 ta' Marzu 1987 u d-19 ta' April 1987 kienu konsistenti hafna.

2. Il-valuri tal-halib prodott mid-diversi merhliet f'Malta li kienu jidhru f'Dok. VA5(d) kienu jaqblu hafna mat-tmienja u erbghin valur tal-halib registrat taht in-numru ta' l-attur bejn is-16 ta' Marzu 1986 u s-7 ta' Awissu 1987 u li kienu jaqbzu 0.515.

3. Fuq ezami tal-metodu applikat mis-socjeta' konvenuta ghall-analizi taghha, dan kien jirrizulta bhala wiehed preciz bizzejjed.

4. Il-procedura nnifisha kienet wahda tajba u affidabbli.

5. Fir-rigward ta' l-ittra mibghuta mis-socjeta' konvenuta fejn din stqarret li l-halib kien wasal sal-grad 0.515, il-perit addizzjonali zied ighid li f'okkazzjonijiet rari f'Malta u f'Ghawdex il-grad kien jaqa' ghal dan il-valur. Imbaghad kienet saret emenda li permezz taghha halib bi *freezeing point depression* inqas minn 0.510 ma kienx accettabli.

Wara li kkonsidra l-provi migjuba, kif ukoll il-punti fuq imsemmija, il-perit tekniku kkonkluda li bejn is-16 ta' Marzu 1986 u s-7 ta' Lulju 1987 il-halib kellu kontenut ta' ilma.

**Konkluzjoni**

1. Il-Qorti taqbel fl-intier mal-kontenut tar-rapport peritali pprezentat mill-periti addizzjonali.

2. L-ewwel perit legali ma offriex il-kummenti tieghu fir-rigward tal-kwistjoni principali li fuqha kien qed jishaq l-attur, u cioe' li l-penali mposti fuqu kienu gew hekk imposti abbuzivament u kontra l-ligi, kif ukoll kontra l-principji tal-gustizzja naturali. Min-naha l-ohra dan il-punt gie trattat ampjament fir-rapport tal-periti addizzjonali.

3. L-ewwel perit legali wasal ghall-konkluzjoni li l-klawsola nru 8 tal-kuntratt iffirmat bejn is-socjeta' konvenuta u l-assocjazzjoni tal-bejjiegha kienet nulla u wahda illegali, stante li din kienet kondizzjoni potestattiva ai termini ta' l-art. 1056(1) tal-Kap. 16. Izda kif sewwa rritenew il-periti addizjonali, l-obbligazzjoni kkontrattata taht il-klawsola nru 8 ma kenitx taqa' fl-ambitu ta' l-art. 1056(1) tal-Kodici Civili. Il-Qorti taqbel ukoll ma din l-opinjoni ghaliex l-obbligazzjoni hi marbuta ma' analizi li ghandu jsir fil-laboratorju; veru li dan isir mis-socjeta' konvenuta nnifisha u veru li s-sistema tista' tigi ammeljorata bl-ghan ta' aktar trasparenza u kontroll (ara suggerimenti tal-periti addizzjonali ghal dan l-iskop taht il-kapitolu tar-relazzjoni taghhom *"KondizzjoniPotestattiva"*), ghalkemm ma kienx pruvat li s-sistema hi wahda ngusta jew inaffidabbli.

4. Fir-rigward ta' dak li ntqal mill-periti addizzjonali fir-relazzjoni taghhom dwar il-kwistjoni tal-penali, il-Qorti taqbel li hawn hi l-illegalita': ma jistax wiehed fl-istess hin jesigi l-obbligazzjoni u jimponi l-penali u dan qed jinghad abbazi biss ta' dak li jghid l-art.

1120(3) tal-Kodici Civili ghaliex il-ligi taghna hi tassew cara fuq dan il-punt u m'hemmx lok ta' interpretazzjoni.

5. Issa fil-kaz odjern, is-socjeta' konvenuta kellha taghzel bejn li timponi l-penali u li taccetta l-halib. Peress li dan ta' l-ahhar ghalkemm misjub adulterat gie mhallat u mibjugh mal-halib tal-bejjiegha l-ohra, illum mhux possibli ghar-ragunijiet ovvji li dan jinghata lura filwaqt li jibqghu in vigore l-penali mposti mis-socjeta' konvenuta. Allura sewwa jghidu l-periti adizzjonali fir-rapport taghhom, kif ukoll l-attur fit-talba tieghu, u cioe' li dawn il-penali huma llegali u ghandhom jigu dikjarati nulli u bla effett, mhux ghal xi "raguni fittizja" izda ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talba attrici u tiddikjara illi l-penalitajiet imwahhlin lill-attur mill-konvenut nomine huma kontra l-ligi u ghalhekk nulli u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

| | |
|---|---|
| D/REGISTRATUR | ONOR. IMHALLEF<br>DOTTOR DAVID SCICLUNA |